**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**(SEDE SUPERJURI)**

**S.T.O. Prim Imħallef Joseph Azzopardi**

**Onor. Imħallef Joseph Zammit McKeon**

**Onor. Imħallef Edwina Grima**

**Seduta ta' nhar il-Erbgha 3 ta' Ottubru 2018**

**Att ta' l-Akkuza numru 19/2009**

**Ir-Repubbklika ta' Malta**

**vs**

**Joseph Azzopardi**

**Il-Qorti** :

**1.** Rat l-Att tal-Akkuża mressaq quddiem il-Qorti Kriminali mill-Avukat Ġenerali fis-16 ta' Gunju 2009 kontra Joseph Azzopardi li bis-sahha tieghu l-istess Avukat Generali wara li ippremetta :

Fl-**Ewwel Kap**, illi Joseph Azzopardi kien midhla sew hafna ta' Therese Agius u fil-fatt kien jakkumpanjaha l-Gzira fi sfond ta' prostituzzjoni u droga. Illi fil-lejl ta' bejn l-ewwel (1) u t- tnejn (2) ta' Ottubru tal-elf disa mija u disa u disghin (1999) fil-Gzira Joseph Azzopardi injetta d-droga eroina f'Therese Agius u dan bil- hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja taghha f'periklu car. Illi Therese Agius b'rizultat ta' dan l-agir illegali mietet. Illi wara hu rema il-katavru il-bahar.

Illi b'ghemilu l-imsemmi Joseph Azzopardi sar hati t'omicidju volontarju u cioe` talli dolozament bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt.

Ghaldaqstant l-Avukat Generali fl-isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lil Joseph Azzopardi hati ta' omicidju volontarju u cioe` talli dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt;

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u illi huwa jigi kkundannat ghall-piena ta' prigunerija ghall-ghomru skond dak li hemm u jintqal fl-Artikolu 211(1)(2), u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmi akkuzat.

Fit-**Tieni Kap** illi fiz-zmien u taht ic- cirkustanzi indikati fl-ewwel kap tal-att tal-Akkuza u cioe` fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru u t-2 ta' Ottubru 1999 gol-Gzira Joseph Azzopardi ta u injetta d-droga eroina illegalment lil Therese Agius u ikkagunalha l-mewt.

Id-droga erojina msemmija hija droga specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi. Illi l-imsemmi Joseph Azzopardi la kellu licenzja mill-President ta' Malta ghall-eghmil tieghu u anqas kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija. Inoltre Joseph Azzopardi ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u ma kellux licenzja u anqas kien xort'ohra

awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija. L-istess Joseph Azzopardi ma kellux licenzja li jipprokura l-istess droga.

Illi b'ghemilu, l-imsemmi Joseph Azzopardi sar hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali f'isem ir-Repubblika ta' Malta akkuza lill-imsemmi Joseph Azzopardi hati talli forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal- Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-possess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit- Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga.

Talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmi akkuzat u li jigi ikkundannat ghal piena ta' prigunerija ghal ghomru u multa ta' mhux inqas minn elfejn, tlett mija u disa u ghoxrin euro u seba u tletin centezmi(€2329.37) u mhux aktar minn mija u sittax-il elf, erba' mija u tmienja u sittin euro u sebgha u sittin centezmi (€116,468.67) u l- konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l- konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew proprjeta` mobbli u immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, anke jekk tali flus u proprjeta` tkun ghaddiet ghand terzi persuni, u anke jekk l-imsemmija flejjes, proprjeta` mobbli jew proprjeta` immobbli jkunu qeghdin f'xi post barra minn Malta, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) u r-

regoli 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N.292/39) u fl-artikoli 17(b), 20, 22, 23, u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tingħata għall-htija tal-imsemmi akkuża

**2**. Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' April 2011 li bis-sahha taghha wara li dik il-Qorti rat il-verdett tal-gurati ta' dak in-nhar stess li bih bi tmien (8 ) voti favur u b' wieħed (1) kontra, sabu lill-akkużat ħati skont l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuża, u ħati b' tmien (8) voti favur u b' wiehed (1) kontra tat-Tieni Kap ta' l-Att ta' l-Akkuża, iddikjarat lil Joseph Azzopardi hati talli :

**i. fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru 1999 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, dolozament, bil-hsieb li joqtol persuna jew li jqieghed il-hajja taghha f'perikolu car, ikkagunalha l-mewt u dan skont l-Ewwel Kap tal- Akkuża.**

**ii. fil-lejl ta' bejn l-1 ta' Ottubru 1999 u t-2 ta' Ottubru, 1999, fil-Gzira, forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga erojina specifikata fl-Ewwel Taqsima tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap.101) lil persuna jew ghal xi persuna minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal- 1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi jew minn xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza msemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga u dana skond it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza.**

**3**. Rat illi l-Ewwel Qorti wara li rat l-artikoli 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-regolamenti 4 u 9 tar-Regoli tal-1939 għall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 17(h), 20, 22, 23, 211(1)(2) u 533

tal-Kodici Kriminali (Kap 9), kif ukoll it-tul ta' żmien li ħadu l-proceduri, ikkundannat lill-ħati Joseph Azzopardi għall-piena ta' disgħa u għoxrin (29) sena prigunerija. Dwar l-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kap 9, il-Qorti imxiet mal-każistika li kienet vigenti sas-16 ta' Jannar 2006 meta l-ligi kienet emendata, applikat l-artikolu 27 tal-Kap 9 u għalhekk ma ikkundannatx lill-akkużat biex iħallas xi spejjeż li kienu saru għall-ħatriet ta' esperti magħmula matul l-inkjesta li saret fl-1999. Ordnat wkoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' Malta ta' kull flejjes jew proprjeta' mobbli w immobbli oħra tal-ħati.

**4.** Rat ir-rikors tal-appell imressaq mill-akkuzat Joseph Azzopardi fis-26 ta' April 2011 li bih u ghar-ragunijiet indikati talab lil din il-Qorti thassar u tirrevoka l-verdett u s-sentenza tat-13 ta' April 2011 u tordna li jigi registrat verdett ta' mhux hati fil-konfront tieghu u b'hekk jigi liberat minn kull htija u piena. Subordinatament talab li fil-kaz illi l-appell tieghu jigi michud ghal dik li hija htija, din il-Qorti tirriforma is-sentenza appellata ghal dik li hija piena billi tinfliggi piena fil-limiti tal-ligi u li tirrispekkja c-cirkostanzi tal-kaz u l-fatt li l-verdett milhuq li ma kienx wiehed ta' unanimita' biex b'hekk issir gustizzja skont il-ligi.

**5**. Rat ir-risposta tal-Avukat Generali tat-18 ta' Dicembru 2014.

**6**. Semghet trattazzjoni.

**7**. Rat l-atti kollha tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

**8**. Illi ghalkemm il-lanjanza ewlenija li ressaq l-appellant tattakka l-apprezzament tal-provi maghmul mill-gurati, madanakollu jindika ukoll illi hassu aggravat kemm bil-verdett milhuq kif ukoll bis-sentenza moghtija fil-konfront tieghu meta jaghmel kritika mhux biss ta` l-indirizz li fil-fehma tieghu kien qed jaghti direttivi ta' ligi zbaljati lill-gurati, li allura iddeterminaw il-verdett erronju milhuq, izda ukoll jilmenta illi kien hemm bosta zbalji u rregolaritajiet procedurali fil-kors tal-guri tant illi huwa ma kienx moghti smigh xieraq skont il-ligi. Subordinatament imbaghad ghal dawn l-aggravji, iressaq aggravju marbut mal-piena erogata mill-Ewwel Qorti li fil-fehma tieghu kienet eccessiva.

**9**. Illi il-Qorti sejra tittratta dawn l-aggravji *seriatim* u fl-ordni li fihom l-appellant jaghtihom precedenza fir-rikors tieghu tal-appell :

**A.** **<u>Irregolaritajiet waqt bil-guri</u>** :

**10**. Illi f'dan l-aggravju l-appellant jelenka diversi ilmenti li, jikkontendi, jammontaw ghal irregolaritajiet procedurali, bl-ewwel wiehed ikun dak li fil-fehma tieghu kien jikkostitwixxi vjolazzjoni ta' dak dispost fl-artikolu 466 tal-Kodici Kriminali li ighid hekk :

**"Wara l-indirizz tal-qorti, il-ġuri għandu jikkonsidra l-verdett tiegħu."**

**11**. L-appellant jilmenta minn nuqqas ta’ osservanza ta’ din id-disposizzjoni tal-ligi fl-imgieba tal-gurati. Jishaq illi l-gurati bdew id-deliberazzjoni taghhom ferm qabel l-indirizz finali ta’ l-Imhallef ghaliex dan kien evidenti mill-agir tal-Prim’ Gurat li fil-waqt li l-Imhallef kien qed jindirizzhom fl-hekk imsejjah *summing up*, huwa qam u staqsa xi mistoqsijiet f’isem shabu il-gurati, liema mistoqsijiet kienu jindikaw illi dawn id-disa’ cittadini imsejhin biex jaqdu gustizzja fil-konfront tieghu, kienu diga’ iddiskutew il-kaz bejniethom tant illi kienu anke fformulaw dawn il-mistoqsijiet. L-appellant ghalhekk jishaq illi sehhet vjolazzjoni ta’ dak li tiddisponi il-ligi biex b’hekk irrizultat l-irregolarita’ procedurali allegata. Huwa jikkontendi illi ma kien hemm ebda kontroll dwar min kienu n-nies li iddiskutew il-kaz u jekk kenux involuti f’dawn id-diskussjonijiet il-gurati supplenti, li waqt id-deliberazzjoni, ghandhom jkunu segregati mill-gurati.

**12**. Kuntrarjament ghal gurisdizzjonijiet ohra li jsegwu is-sistema ta’ “*trial by jury*”[1], il-ligi taghna ma tfassal l-ebda linji gwida dwar x`ghandha tkun l-imgieba tal-gurati tul il-guri ghajr ghad-disposizzjonijiet li jinsabu fil-Kodici Kriminali taht it-Titolu VI tat-Taqsima II, li jitkellmu dwar il-kwalifiki li ghandu jkollu il-gurat sabiex iservi f’guri, u l-mod kif jintghazlu dawn il-persuni fost ic-cittadini l-ohra, bl-artikolu 132 johloq reat ghal gurat li jipprova jahrab mid-dmirijiet tieghu li jaqdi fl-amministrazzjoni tal-gustizzja ghal ragunijiet foloz. Ukoll l-artikoli 466 et. seq jirregolaw il-mod kif ghandu jitmexxa l-guri u l-procedura li ghandha tigi segwita meta l-gurati, wara l-indirizz finali, jidhlu biex jiddeliberaw sabiex jaslu

[1] Fl-Ingilterra bil-Juries Act 1974 shanansitra l-imgieba tal-gurati hija irregolata bil-ligi fejn l-imgieba hazina tikkostitwixxi reat punibbli b’multa u anke bil-prigunerija – ara artikoli 20, 20A sa 20G tal-Att.

ghal verdett taghhom bl-artikolu 470 jaghti is-setgha lill-guri u dan tramite il-prim gurat illi qabel ma issir id-deliberazzjoni:

> **"... jitlob lill-qorti t-tagħrif jew it-tifsir li jkun jeħtieġ biex jista' jaqdi d-dmirijiet tiegħu. U dan it-tagħrif jew tifsir għandu jingħata fil-qorti bil-miftuħ."**

**13**. Dan ifisser allura illi ma kien hemm xejn irregolari fl-imgieba tal-prim gurat meta bil-mistoqsijiet li ghamel ghan-nom ta' shabu l-gurati talab direzzjoni mill-Imhallef dwar punti ta' dritt u cioe' dwar l-intenzjoni mehtiega sabiex jissussisti r-reat ta` l-omicidju. Il-gurati xtaqu kjarifika rigward punt ta' dritt li bl-ebda mod ma tista' tinftiehem b`daqshekk illi kienet sehhet xi deliberazzjoni dwar kwistjonijiet ta' fatt. Tant hu hekk illi bil-kwezit imressaq 'il quddiem dwar id-distinzjoni bejn dik li hi l-intenzjoni posittiva u diretta tal-qtil u l-intenzjoni indiretta kellu jkun evidenti illi l-imhallfin tal-fatt kienu ghadhom ma wasslu ghall-ebda konkluzjoni bejniethom, kif donnu qed jallega l-appellant, dwar l-evalwazzjoni tal-provi u tal-fatti tal-kaz. Illi din il-Qorti tistqarr illi dan l-aggravju jirrazenta l-fieragh, kif jirrazenta l-fieragh iktar u iktar l-ilment imqanqal mill-appellant dwar l-allegat involviment tal-gurati supplenti fid-deliberazzjoni, meta l-ligi stess tiddisponi fl-artikolu 610(3) tal-Kodici Kriminali illi:

> **" .... l-gurati supplenti ma jistghux ikunu prezenti u lanqas ma jistghu jiehdu sehem f'ebda deliberazzjoni."**

**14**. Illi huwa ben maghruf ghal kull min hu involut fit-thaddim tat-*trial by jury* f'pajjizna li in osservanza ta' din id-disposizzjoni tal-ligi, f'kull waqt tal-guri, u allura iktar u iktar fil-mument tad-deliberazzjoni, il-gurati supplenti dejjem u il-hin kollu jinzammu appartati mill-prim gurat u mill-gurati ordinarji. Fi kwalunwke kaz, l-allegazzjonijiet li ghamel l-appellant permezz ta' din il-lanjanza ma huma xejn hlief kongettura jew supposizzjoni u mhijiex korraborata b`ebda

fatt konkret. Minn ezami ta` l-atti processwali, ma jirrizulta minn imkien illi kien hemm nuqqas ta' osservanza mill-Ewwel Qorti u mill-gurati tad-disposizzjonijiet tal-ligi li jirregolaw din il-materja. Mhux biss, izda, ghalkemm l-appellant issa fi stadju ta' revizjoni ghogbu jqanqal dawn l-allegazzjonijiet, madanakollu ma ghamel l-ebda senjalazzjoni ta' dan quddiem l-Ewwel Qorti ghaliex ma hemm l-ebda verbal li jindika illi huwa kien qed isib xi oggezzjoni ghall-mod kif kienu qed igibu ruhhom il-gurati fil-konfront tieghu u tal-process penali fl-intier tieghu. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat :**

**15**. F'dan l-istess aggravju l-appellant jilmenta ukoll illi l-prosekuzzjoni ressqet provi fir-rigward tal-ghejbien tal-kadavru ta' Therese Agius meta kien hemm qbil bejn il-kontendenti illi il-kadavru li kien instab fil-bahar kien dak ta' Agius. Jishaq allura illi ma kienx hemm il-htiega illi tali provi jitressqu quddiem il-gurati ladarba ma kien hemm l-ebda akkuza fit-termini ta' l-artikolu 239 tal-Kodici Kriminali marbuta mal-ghejbien tal-kadavru, u dan sabiex il-gudizzju taghhom ma jigix influwenzat b'tali provi. L-appellant joggezzjona ghas-segwenti provi :

i. Parti mill-istqarrija ta' Paul Micallef li jixhed illi ra lill-appellant igezwer il-kadavru ta' Therese Agius f'lizar u mbaghad jitfghu fil-vettura tieghu, fejn wara iqerr mieghu li kien tefa' l-kadavru il-bahar.

ii. Ir-ritratti tal-kadavru ta' Theresa Agius.

iii. Parti mir-rapport ta' Dr. Mario Scerri.

iv. Xiehda tal-ufficjali tal-pulizija dwar tfittxijiet li saru fir-residenza tal-appellant ghal habel li ntuza biex intrabat il-kadavru ta' Agius.

Dawn il-provi, li fil-fehma tal-appellant kienu irrilevanti ghal kaz, wasslu sabiex id-dritt tieghu ghal smigh xieraq gie mittiefes.

**16**. Illi tajjeb li jigi riprodott l-*iter* processwali marbut ma' l-identifikazzjoni tal-kadavru tal-vittma Therese Agius. Illi permezz ta' verbal tal-4 ta' April 2011 u ghalhekk qabel ma gie kompost il-*panel* tal-gurati sar qbil bejn il-prosekuzzjoni u d-difiza illi l-kadavru li nstab hdax-il mil u nofs 'il barra minn Delimara kien il-kadavru ta' Therese Agius[2]. Wara dan il-Prosekuzzjoni rrinunzjat ghall-produzzjoni ta' dawk ix-xhieda marbuta mal-identifikazzjoni ta' dan il-kadavru. Imbaghad fis-seduta tal-5 ta' April 2011 id-difiza oggezzjonat li jitressqu provi marbuta mal-ghejbien tal-vittma Therese Agius u dan billi l-appellant ma kienx qed jigi akkuzat bir-reat ta' habi ta' persuna maqtula[3]. Dan ghaliex ukoll, id-difiza dehrilha illi tali provi setghu jinfluwenzaw b'mod negattiv lill-gurati. Il-prosekuzzjoni oggezzjonat ghal dan bil-Qorti taghti s-segwenti digriet :

> **"Il-Qorti, mhix qed tilqa' l-oggezzjoni tad-difiza minhabba illi l-incident irid jittiehed mill-bidu sat-tmiem tieghu kif inhu rifless fil-parti narrattiva ta' l-Ewwel Kap.[4]"**

L-appellant jikkontendi illi l-fatti kif imqeghda mill-Avukat Generali fil-parti narrattiva tal-Att ta' l-Akkuza ma jikkostitwixxu l-ebda prova u dan jigi spjegat kemm il-darba lill-gurati.

---

[2] Fol.39 tal-process

[3] Artikolu 239 Kodici Kriminali: "Kull min xjentement jahbi l-kadavru ta' persuna li mietet b'delitt jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija minn erba xhur sa sitt xhur."

[4] Fol.76 tal-process.

**17**. Illi qabel xejn din il-Qorti tirrileva illi ghalkemm l-appellant kien gie notifikat kemm bl-Att tal-Akkuza kif ukoll bil-lista tax-xhieda li kienet bi hsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni, madanakollu ma jintavola l-ebda nota ta' l-eccezzjonijiet diretta sabiex tattakka l-Att ta' l-Akkuza kif formulata mill-Avukat Generali, kemm fil-parti espositTiva taghha kif ukoll f'dik akkuzatorja. Illi kienu ben maghrufa, allura, ghall-appellant il-provi kollha li kienet bi hsiebha tressaq il-Prosekuzzjoni u dan mill-atti tal-kumpilazzjoni, bl-ghan tal-Istruttorja jkun illi l-provi kollha sew favur kif ukoll kontra l-persuna akkuzata jigu kkompilati u ppreservati. Kien evidenti ghall-appellant mill-bidunett ta' dawn il-proceduri illi l-Avukat Generali kien bi hsiebu jressaq il-provi kollha misjuba fl-atti kumpilatorji sabiex jipprova l-fatti kif minnu iddikjarati fl-Att ta` l-Akkuza u li huwa silet mill-atti ta' l-Istruttorja. Mhux biss izda qabel ma kien kompost il-guri, l-appellant permezz ta' l-avukat difensur tieghu ma kkontestax il-fatt illi l-kadavru li instab fil-bahar kien tal-vittma Therese Agius.

**18**. L-artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi fi zmien hmistax-il jum min-notifika lilu ta' l-Att ta' l-Akkuza, l-akkuzat ghandu jressaq permezz ta' nota kull eccezzjoni li behsiebu jqanqal fit-termini tal-artikolu 449, kif ukoll kull eccezzjoni dwar l-ammissibilita' tal-provi, haga li kif inghad, huwa naqas milli jaghmel[5].

**19**. Dan premess, izda ma jidhirx illi l-kontestazzjoni imqanqla mill-appellant hija marbuta mal-ammissibbilita' o meno tal-provi marbuta mal-ghejbien ta'

[5] Disposizzjoni tal-ligi li giet emendata estensivament permezz tal-Att LIII tal-1981 fejn fost ohrajn il-pregudizzjali dwar l-inamissibilita tal-provi trid tinqanqal fl-istadju inizjali qabel ma l-akkuzat jigi mistoqsi hux hati jew le tal-akkuzi addebitati lilu.

Therese Agius u sejba tal-kadavru taghha. Joggezzjona ghal tali prova biss ghaliex jishaq illi ma kienx akkuzat bir-reat tal-habi ta` persuna mejta u wkoll ghaliex il-gurati setghu gew influwenzati u setghu kienu ppregudikati kontra tieghu minhabba fl-allegazzjoni li tohrog minn dawn il-provi illi huwa seta' kien involut fl-ghejbien tal-kadavru ta' Agius u li allura kellu interess jostor dan id-delitt billi kien direttament involut fil-kummissjoni ta' l-istess. Illi f'dan il-kaz l-appellant jikkontesta r-rilevanza ta' tali prova aktar milli l-inammissibilita' ta' l-istess ghaliex fil-fehma tieghu ladarba ma kienx qed jiffaccja akkuza marbuta ma` l-istess allura dawk il-provi kienu rrilevanti.

**20**. Illi din il-Qorti ma tistax taqbel ma' din il-linja ta' argumentazzjoni. Ibda biex il-fatt li l-appellant ma kienx qed jigi mixli bir-reat marbut mal-habi ta` persuna mejta ma jfissirx necessarjament illi l-prosekuzzjoni kienet prekluza milli tressaq dawk il-provi marbuta mal-ghejbien u s-sussegwenti sejbien tal-kadavru u dan biex tissostanzja l-akkuza ewlenija addebitata lill-appellant u cioe' dik tal-omicidju.

**21**. Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-kadavru ta' Agius instab fil-bahar madwar hdax-il jum wara l-mewt taghha[6]. Il-kadavru instab fi stat avvanzat ta' dekomposizzjoni tant illi ma setax jigi facilment identifikat. Fil-fatt Agius kienet identifikata minn *tattoos* li kellha fuq gisimha, minn hwejjigha u minn rapport tal-espert nominat Joe Mallia li kien inkarigat jasal ghall-identifikazzjoni tal-marki tas-swaba taghha. Ghalhekk il-Prosekuzzjoni necessarjament kellha tressaq provi sabiex tigi stabbilita l-kawza tal-mewt ta' Agius li ma kienx

[6] Ara rapport mediko-legali a fol.82 tal-process

facilment determinabbli minhabba li, kif inghad, il-kadavru kien fi stat avvanzat ta’ dekomposizzjoni.  Mhux biss izda l-pulizija kollha involuti fl-investigazzjoni ukoll kellhom jaghtu stampa tal-kors li ha l-istharrig taghhom, inkluz allura, it-tfittxijiet li saru anke fir-residenza ta’ l-appellant.  Illi l-provi ghalhekk kellhom jindikaw id-dinamika dwar kif sehh il-qtil ta’ Agius u x’seta’ wassal ghall-mewt taghha. Il-fatt li l-kadavru kien mitfugh il-bahar ma setax jigi okkultat mill-gurati ghaliex altrimenti il-prova kienet tkun mankanti, iktar u iktar meta l-Avukat Generali fil-parti narrativa ta’ l-Att ta’ l-Akkuza indika l-fatti li fil-fehma tieghu sawwru dan il-kaz, l-esposizzjoni ta’ liema fatti qatt ma kien oggezzjonabbli ghall-appellant. Fatti li, ghalkemm ipprezentati quddiem il-gurati, ma kenux ikunu sostanzjati bil-provi u li allura iktar setghu jkunu ta’ influwenza negattiva fuq id-decizjoni ahharija tal-gurati.

**22**.  Mhux biss izda l-gurati finalment fl-indirizz jinghataw il-gwida mehtiega meta jigu biex iqisu l-akkuzi addebitati lill-appellant meta l-Imhallef iwissihom b’dan il-mod :

> **“L-ewwel haga li ser nghid hi li l-kapi tal-akkuzi huma tnejn biss, l-omidicju volontarju u t-traffikar tad-droga. M’hemm l-ebda kap dwar il-habi tal-gisem tal-mejta.”**

**23**.  Dan ifisser illi l-provi li qed joggezzjona ghalihom l-appellant huma ammissibbli u rilevanti billi jfasslu l-*iter* li jsegwu l-fattispecje ta’ dan il-kaz.  Di piu’ dawn qatt ma setghu jwasslu ghal xi pregudizzju fil-konfront tal-appellant meta l-gurati gew debitament iggwidati fl-indirizz finali. Ghal dawn il-motivi anke dan l-aggravju qed jigi michud.

**Ikkunsidrat :**

**24**. Irregolarita' ohra li jilmenta minnha l-appellant iddur madwar il-mod kif ix-xiehda tax-xhud Paul Micallef kienet prezentata lill-gurati. Billi dan ix-xhud kien lahaq miet sa meta sar il-guri, il-Qorti awtorizzat lill-Prosekuzzjoni tghaddi kopja ta' l-istqarrija guramentata rilaxxjata minn Micallef lill-Inkwirenti kif ukoll li tinqara t-traskrizzjoni tax-xiehda li kienet inghatat minn dan ix-xhud fl-Istruttorja meta hemmhekk kien ukoll sarlu il-kontro-ezami. L-appellant izda xorta wahda joggezzjona ghall-fatt illi l-gurati fir-rigward ta' dan ix-xhud kellhom kopja traskritta ta' dak li xehed biex b'hekk fil-fehma tieghu dan seta' qieghed lill-gurati f'posizzjoni aktar komda biex jaccettaw il-verzjoni ta' dan Micallef bhala wahda verosimili ghal kuntrarju ta' dak li sehh fir-rigward tax-xhieda l-ohra li nstemghu *viva voce*. Dan, ighid l-appellant, wassal ghal interpretazzjoni zbaljata ta' dak li hemm dispost fl-artikolu 646(2) tal-Kodici Kriminali[7] li jfisser illi din ix-xiehda nghatat importanza aktar milli kienet timmerita, u l-fatt li din giet stampata u mqassma lill-gurati wassal ghal ksur tal-jedd tieghu ghal smigh xieraq.

**25**. L-appellant joggezzjona ghall-produzzjoni ta' provi mill-Prosekuzzjoni li fil-fehma tieghu kienu jikkostitwixxu "*hearsay evidence*" u senjalatament dawk ix-

---

[7] X-xiehda tax-xhieda, sew kontra kemm favur l-imputat jew akkużat, kemm-il darba tkun ittieħdet bil-ġurament matul il-kompilazzjoni, skont il-liġi, tista' tinġieb bħala prova: Basta li x-xhud jinġieb ukoll fil-qorti biex jiġi eżaminat *viva voce* kif provdut fis-subartikolu (1) ħlief jekk, meta jitqiesu ċ-ċirkostanzi tal-każ, huwa evidenti lill-Qorti li xhieda *viva voce* tista' tikkawża ħsara psikoloġika lix-xhud u jekk ix-xhud ikun mejjet, ikun barra minn Malta jew ma jkunx jista' jinsab u bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tas-subartikolu (8).

xhieda li rrakkontaw dak li kien stqarr maghhom ix-xhud Paul Micallef li kien lahaq miet sakemm sar il-guri. L-appellant jikkontendi li si trattava ta` xiehda nammissibbli u allura d-decizjoni ta' l-Ewwel Qorti li ppermettiet li tkun prodotta tali evidenza anke jekk wara gie spjegat lill-gurati l-import tal-"*hearsay evidence*", ma jeradikx mill-fatt illi l-posizzjoni tal-appellant giet ippregudikata *a priori*, meta giet awtorizzata l-produzzjoni ta' dawn il-provi.

**26.** Ibda biex huwa legalment zbaljat l-appellant meta jitlaq mill-premessa illi b'mod generali x-xiehda fuq kliem haddiehor, maghrufa ahjar bhala *hearsay evidence,* hija xiehda inammissibbli. Harsa biss lejn dak li jiddisponi l-artikolu 599 tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili rez applikabbli ghal proceduri penali bis-sahha tal-artikolu 520(1)(d) u 645 tal-Kodici Kriminali, juri xort'ohra :

> **"Il-qorti tista', skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; <u>inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jistax jinġieb biex jixhed,</u> u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort'oħra, l-aktar f'każijiet ta' twelid, taż-żwieġ, <u>tal-mewt</u>, tal-assenza, ta' servitu', ta' rjieħ ta' immobbli, ta' pussess, ta' drawwiet, ta' ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta' reputazzjoni jew ta' fama, ta' kliem jew fatti ta' nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta' fatti oħra ta' interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd."**

**27**. Illi din id-disposizzjoni tal-ligi xxejjen l-oggezzjoni tal-appellant dwar l-inammissibilita' ta' dawk ix-xhieda li xehdu l-kliem li kien stqarr maghhom il-mejjet Paul Micallef. Illi din il-prova kienet qed isservi l-iskop li jigi korroborat dak li xehed Paul Micallef fl-inkjesta magisterjali u mbaghad fil-kumpilazzjoni billi dan ix-xhud ma setax jingieb jixhed fil-guri billi, kif diga` nghad, lahaq miet. Dak

li jistqarru allura dawn ix-xhieda dwar il-kliem li nghad lilhom minn Micallef jigi kkonfermat fix-xiehda stess ta' Micallef u li allura jservu mhux bhala prova ta' dak li sehh izda biss bhala korroborazzjoni ta` dak li stqarr Micallef bil-gurament biex b'hekk javvera ruhu dak deciz fis-sentenza spiss citata mill-qrati taghna dwar dan il-punt ta' dritt u cioe` ***Subramaniam vs Public Prosecutor*** :

> **"'Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the truth of what is contained in the statement. <u>It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made</u>. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'" (sottolinjar tal-Qorti)**

**28**. Illi allura meta dan l-insenjament jittiehed fil-kuntest ma' dak li tghid il-ligi f'dan ir-rigward huwa bil-wisq evidenti illi l-Ewwel Qorti ma setghetx tiskarta tali prova u tiddikjaraha inammissibbli. Ighid hekk l-Imhallef lill-gurati fl-indirizz :

> **"….. dak ghandu jittiehed biss bhala prova li qalu dawk il-kliem, dawk il-kliem intqalu. Pero' ma tistax inti imbaghad tiehu bhala fatt ppruvat dak il-kontenut… Jista' remotament … jintuza dak biex jikkorrobora affarijiet ohra."**

**29**. Illi l-Imhallef ikompli jispjega dan il-punt ta' dritt dwar l-evalwazzjoni tal-prova *hearsay* lill-gurati, tant ghalhekk illi l-bezghat ravvizati mill-appellant b`dan l-aggravju qatt ma setghu jimmaterjalizzaw ruhhom :

> **"'Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda**

**ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.[8]….**

**……Hekk, jekk tiġi messa in dubbju l-kredibilita` jew il-veridiċita` ta' xhud, speċjalment jekk dak ix-xhud ikun persuna minuri, il-prosekuzzjoni ma tistax legalment tiġi mċaħħda mill-possibilita` li tikkorrobora dik ix-xiehda bil-mezzi li tagħtiha l-liġi, inkluż it-tip ta' xiehda li ssemmiet hawn. Daqstant ukoll jekk tinqala' xi kwistjoni dwar jekk ix-xhud ikunx qiegħed jiftakar sew dak li jkun qiegħed jixhed dwaru jista' jkun meħtieġ li jiġi eżerċitat kontroll ta' dik ix-xiehda bil-mezz tax-xiehda ta' ħaddieħor dwar dak li jkun qallu l-istess xhud fiż-żmien relevanti. F'dawn l-eventwalitajiet, kif ingħad mill-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, ikun mistenni li l-ewwel Qorti tispjega lill-ġurija l-portata u l-limiti tal-valur tax-xiehda ta' persuna li tixhed dwar x'qal ħaddieħor…..[9]'**

**30**. Illi f'dan il-kaz jidher illi din it-twissija saret biex b'hekk allura ma jistax jinghad illi x-xiehda ta' dawk in-nies li stqarru l-kliem li qalilhom Paul Micallef ghandha tigi skartata. Dan l-aggravju ghalhekk ma jisthoqqlux akkoljiment.

**31**. Illi mbaghad, dwar ix-xiehda ta' Paul Micallef stess, l-appellant joggezzjona ghall-fatt illi lill-gurati giet mqassma kopja traskritta tax-xiehda li huwa kien ta quddiem il-Qorti Istruttorja kif ukoll tal-istqarrijiet guramentati illi huwa kien irrilaxxja meta il-kaz kien qieghed jigi mistharreg mill-Pulizija kif ukoll matul l-inkjesta magisterjali. Fil-fehma tal-appellant din messha inqrat lill-gurati u mhux inghatat lilhom kopja bil-miktub sabiex b'hekk din ix-xiehda setghet kienet aktar cara f'mohh il-gurati minn dak mistqarr mix-xhieda li ddeponew *viva voce*.

[8] Il-Pulizija versus Fabio Schembri - 01/04/2011 App.Inf.

[9] Ir-Repubblika ta' Malta vs Mario Azzopardi - 24/10/2011 App.Sup.

**32**. Illi fil-fehma ta' din il-Qorti, din il-lanjanza tal-appellant tirrazenta l-fieragh. Ibda biex dak li jixhdu x-xhieda kollha matul il-process penali jigi registrat. Dan ifisser illi l-gurati jkollhom il-beneficcju, jekk iridu, li jisimghu din ix-xiehda mill-gdid jekk ihossu l-htiega, u dan fil-waqt tad-deliberazzjoni taghhom. Ghalhekk din il-Qorti ma tistax tifhem l-argument tal-appellant meta jghid illi dak li qal Micallef seta` jigi stampat iktar car f'mohh il-gurati minhabba s-semplici fatt illi dawn setghu jaraw dak li qal bil-miktub quddiemhom. Illi kuntrarjament ghal dak li jikkontendi l-appellant, l-artikolu 646 tal-Kodici Kriminali ma jirregolax il-mod kif ghandha tingieb a konjizzjoni tal-qorti jew tal-gurati x-xiehda ta' dawk in-nies li ma jingiebux biex jixhdu *viva voce* quddiem il-qorti ghall-motivi msemmija fis-sub-inciz (2). Mhux biss, izda meta x-xhud Paul Micallef iddepona quddiem il-Magistrat Inkwirenti dan sehh fil-parametri ndikati fl-artikolu 30A tal-Kapitolu 101[10] u dan meta l-investigazzjoni kriminali hadet il-bixra mhux biss omicida izda ukoll kienet marbuta mar-reat tat-traffikar ta' droga kif imfisser fl-artikolu 22(1B) tal-Att, fejn ix-xhud mhux biss kixef il-persuna li amministra d-droga lill-vittma, izda ukoll dik il-persuna li minn ghandu kienet giet akkwistata d-droga erojina f'dik il-lejla fatali. Il-proces verbal redatt mill-Magistrat Inkwirenti f'dan il-kaz ikun jikkostitwixxi prova shiha skont il-ligi kontra l-persuna akkuzata u ghalhekk jista' jigi esebiet in atti.

**33**. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju ukoll qed jigi michud.

---

[10]Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali , meta persuna tkun involuta f'xi reat kontra din l-Ordinanza, kull dikjarazzjoni magħmula minn dik il-persuna u li tiġi konfermata bil-ġurament quddiem maġistrat, u kull xiehda mogħtija minn dik il-persuna quddiem xi qorti tista' tinġieb bi prova kontra kull persuna oħra akkużata b'reat kontra l-imsemmija Ordinanza, kemm-il darba jinsab li dik id-dikjarazzjoni jew xiehda tkun saret jew ingħatat volontarjament, u ma ġietx imgiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża, jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.

## B. Applikazzjoni u Interpretazzjoni hazina tal-ligi

**34**. Illi wahda mid-difizi imqanqla mill-appellant ghall-akkuza tal-omicidju volontarju kif tirrizulta fl-Ewwel Kap tal-Att ta' l-Akkuza hija n-nuqqas tal-element formali mehtieg biex jissussisti r-reat u li fl-aghar ipotesi jirrizulta biss ir-reat tal-offiza gravi fuq il-persuna segwita bil-mewt. L-appellant jilmenta illi l-Imhallef li ppresjeda l-guri madanakollu naqas milli jispjega lill-gurati fl-indirizz l-elementi ta' dritt li jsawwru dan ir-reat b'mod ewlieni l-intenzjoni generika mehtiega sabiex issir il-hsara li, fil-fehma tieghu, setghet kienet prezenti meta huwa njetta d-droga lill-vittma, u mhux l-intenzjoni pozittiva sabiex jikkonfigura l-omicidju volontarju. Kienet din l-intenzjoni li, fil-fehma tieghu, kienet tirrizulta u mhux l-intenzjoni specifika li tigi kkawzata l-mewt jew li l-hajja tigi imqieghda f'periklu car bl-azzjoni minnu ntentata. Din id-distinzjoni jikkontendi l-appellant ma kenitx spjegata lill-gurati.

**35**. Illi minn qari ta' dan l-aggravju ma jidhirx illi l-appellant qieghed jikkontesta l-fatt illi kien hu li amministra d-droga erojina lill-vittma permezz ta' injezzjoni. Jishaq madanakollu illi meta ghamel dina l-azzjoni ma kellux l-intenzjoni pozittiva li jikkagunalha l-mewt jew li jqieghed il-hajja tal-vittma f'perikolu car. Dak li seta' jirrizulta, fl-aghar ipotezi, fil-fehma tieghu, kienet l-intenzjoni generika illi huwa seta' jaghmel hsara ben konsapevoli li kien qed jinjetta lill-vittma b'sustanza illecita u perikoluza, bil-konsegwenza allura li mbaghad kriminalment huwa kellu jwiegeb ghal hsara li tikkonsegwi minn dan l-agir.

**36**. Issa fid-dritt penali taghna ma jezistix ir-reat li jirrizulta fid-dritt penali Taljan u cioe` dak tal-*omicidio preterintenzionale* jew inkella 'l hekk imsejjah *volontary manslaughter* fil-ligi Ngliza, bir-reat allura jikkonfigura kull meta l-att materjali jwassal ghal konsegwenzi iktar gravi minn dawk voluti mill-awtur tieghu. Illi allura l-appellant jikkontendi illi l-att materjali li ghamel seta` jwassal biss ghar-reat tal-offiza gravi segwita bil-mewt u mhux dak tal-omicidju, elementi ta' dritt li fil-fehma tieghu ma gewx imfissra lill-gurati mill-Imhallef li ppresjeda l-guri.

**37**. Jirrizulta li l-Imhallef iggwida lill-gurati b'dan il-mod :

**"Il-qtil irid isir bl-intenzjoni specifika li toqtol jew li tpoggi hajjet haddiehor f'periklu car. .... Fejn l-intenzjoni hi biex toqtol, allura din hija posittiva diretta. Fejn l-intenzjoni hi sabiex wiehed iqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, l-intenzjoni nghidulha posittiva indiretta. Il-Ligi tpoggi fuq l-istess livell ta' qtil is-sitwazzjoni fejn wiehed ikun jaf li l-att jista'/is likely li joqtol jew li wiehed jigi jaqa' u jqum jekk il-mewt clearly forseen as probable ... tista' isehh jew le. .... nipprevedi l-probabbilita' tal-mewt izda nigi naqa' u nqum jekk il-mewt tigrix jew le."**

**38**. L-Imhallef imbaghad ighaddi biex jaghti ezempji biex jispjega lill-gurati it-tifsira fil-prattika ta' din l-intenzjoni.

**39**. Iktar 'il quddiem fl-indirizz, imbaghad ifisser id-difizi li gab l-akkuzat, illum appellant, u jghidilhom hekk lill-gurati :

> **"... d-difiza l-ewwel ma qalet isma' l-akkuzat ma kienx hemm. .... mbaghad qal, qal *casus*. *Casus* huwa incident. Qal isma' dan kien incident. An *unfortunate incident.* .... grat disgrazzja, ma hu tort ta' hadd. Issa imbaghad ghamel difizi ohra .... tista' tghid jiena ma insibx**

**htija fl-akkuza kif inhi. Pero' nista' nsib htija f'reat iehor ... reat li qed jipprospetta d-difiza jkollu jkun inqas. .... din ha nghidulha kompriz u involut, jigifieri ma nsibekx ta' hekk, u nista' insibek ta' hekk. .... L-ohra li qal hija totalment differenti, hija l-omicidju involontarju. Hu qal isma' dan huwa kwistjoni ... ta' negligenza, u jidhirli traskuragini. Qallek jien qatt ma nikkoncedi li dan kien kaz ta' qtil volontarju, lanqas li inpoggi lil haddiehor lil persuna ohra fil-periklu tal-mewt etc, qal pero' jien nikkoncedi illi jista' jsibuh ta' kwistjoni ta' negligenza."**

Jispjega din id-difiza fid-dettall.

**40**. Dwar l-offiza gravi fuq il-persuna konsegwita bil-mewt ighid hekk :

**"Il-hati ta' offiza gravi fuq il-persuna li biha tigri l-mewt minhabba biss in-natura jew il-konsegwenzi naturali tal-offiza u mhux ghal xi kawza accidentali li tinqala' wara. U nieqaf hemm ghax ma nistax nghid iktar. Kien reluctant l-istess avukat pero' ried juza l-karti kollha kif kien fid-dmir li jaghmel, .... offiza gravi l-ahwa fuq il-persuna ... ahna gravi tista' tkun per ezempju fil-wicc. Hija serja. Ha nifthiemu hemm offizi hmerijiet, xi girfa zghira, tajjeb, xi kohhala qawwija, tajtek daqqa ta' ponn u hallejtek, dawk huma offizi hfief. Heqq dina u nifhem ir-riluttanza tal-avukat qisha speci heqq, l-alternattiva hija alright mhux il-one, mhix il-casus, mhix l-volontary homicide, imma qed ighid li speci ghamilt offiza serja, gravi u qed jghid ghal tal-apposta tigi hawnhekk f'dan il-kaz u nifhem il-ghala, il-ghala d-difiza tatha dik bhala the last step in a series of defences. Ma nahsibx li tant nista' nelabora iktar fuq hekk dato c-cirkostanzi tal-kaz allegat kif hemm."**

**41**. Minn dan il-bran ta` l-indirizz johrog il-hsieb tal-Imhallef li ggwida lill-gurati fis-sens illi ghalkemm gibdilhom l-attenzjoni taghhom ghal dina d-difiza ahharija imqanqla mill-akkuzat, madanakollu spjegalhom illi legalment l-elementi mehtiega sabiex jissussiti dan ir-reat minuri ghal dak tal-omicidju kienu neqsin, kif ukoll illi dina l-linja difensjonali intlaghbet bhala l-ahhar karta fejn

allura kienet kontradittorja ghal-linji difensjonali l-ohra tal-*casus* u tal-omicidju involontarju fejn gie allegat illi l-intenzjoni kemm dik pozittiva (mehtiega fir-reat tal-omicidju) kif ukoll dik generika (dik mehtiega ghar-reat tal-offiza volontarja) li ssir l-hsara kienet nieqsa. Madanakollu huwa xorta wahda gibed l-attenzjoni taghhom ghal din id-difiza tant illi dan kien imbaghad anke rifless fis-*sample verdicts* li nghataw lill-gurati qabel dahlu biex jiddeliberaw[11].

**42**. Dan ifisser illi:

**"Ghalkemm forsi l-Imhallef li ppresjeda l-guri ma kienx preciz meta ma rreferiex ghall-intenzjoni generika ta' offiza hafifa, fil-fehma ta' din il-Qorti l-appellant ma seta' sofra l-ebda pregudizzju b'daqshekk. Il-verdetti alternattivi kienu kollha spelled out u spjegati u c-cirkostanzi antecedenti, konkomitanti u sussegwenti ghall-att ossia atti materjali, kollha ngabu a konjizzjoni tal-gurati[12]"**

**43**. L-istess jista' jinghad ghall-kritika f'dan l-aggravju diretta lejn l-indirizz ta' l-Imhallef meta huwa fiehem lill-gurati l-kuncett tal-intenzjoni pozittiva indiretta fir-reat tal-omicidju volontarju u dan meta fil-fehma tal-Prosekuzzjoni huwa qieghed il-hajja ta' Therese Agius f'periklu car meta injettaha bid-droga. Ighid l-appellant illi ma giex spjegat car lill-gurati x`kienet tikkonsisti l-intenzjoni pozittiva indiretta fir-reat tal-omicidiju meta l-mewt ghalkemm mhux voluta izda hija konsegwenza probabbli tal-azzjoni intentata mill-malvivent, tant illi l-mewt tirrizulta bhala konsegwenza ta' l-istess. Joggezzjona ghall-kliem uzat fl-indirizz li wassal ghal konflitt fis-sens illi ghalkemm kien spjegat lill-gurati illi l-mewt trid tkun prevedibbli fuq livell ta' probabilita`, madanakollu mbaghad iktar 'il quddiem l-Imhallef juza il-kliem "**jista' jkun**" sabiex b'hekk dahhal il-livell tal-

---

[11] Ara process a fol.210

[12] Ir-Repubblika vs Giosue' Gauci – 28/12/2009

possibbli. Dan wassal, fil-fehma tad-difiza, ghal konfuzjoni fl-imhuh tal-gurati dwar x`kellha tkun din l-intenzjoni u b'hekk il-posizzjoni ta' l-appellant giet irrimedjabilment ippregudikata.

**44**. Din il-Qorti diga' ghamlet referenza ghall-bran fl-indirizz fejn l-Imhallef kien qed jispjega il-kuncett tal-prevedibilita` tar-rizultat ghall-azzjoni intentata mill-awtur tar-reat. Illi l-kliem li jipponta sebghu lejhom l-appellant, madanakollu jridu jinqraw fil-kuntest kollu li fihom saru. Dan ghaliex ghandu jirrizulta illi l-Imhallef kien car fid-diskors tieghu meta fiehem lill-gurati illi "**jekk il-mewt clearly forseen as probable ... tista' isehh jew le. .... nipprevedi l-probabbilita tal-mewt izda nigi naqa' u nqum jekk il-mewt tigrix jew le.**"

**45.** Wara dan imbaghad jaghti ezempji lill-gurati biex jifhmu ahjar dan il-kuncett ta' dritt. Illi anke jekk *gratia argomenti* dak li jikkontendi l-appellant huwa minnu u li allura il-kliem adoperat ma kienx daqstant felici, madanakollu:

> **"In-nuqqas li jagħmel dan, pero`, ma jikkostitwixxix irregolarita` jew interpretazzioni u applikazzioni żbaljata tal-liġi. Inoltre tfakkar li din il-Qorti "does not sit to consider whether this or that phrase was the best that might have been chosen, or whether a direction which has been attacked might have been fuller or more conveniently expressed, or whether other topics which might have been dealt with on other occasions should be introduced. This Court sits here to administer justice and to deal with valid objections to matters which may have led to a miscarriage of justice".**
>
> **"The purpose of a direction to a jury is not best achieved by a disquisition on jurisprudence or philosophy or a universally applicable circular tour round the area of law affected by the case .... A direction is seldom improved and may be considerably damaged by copious recitations from the total content of a judge's notebook. A direction to**

**a jury should be custom-built to make the jury understand their task in relation to a particular case." - Lord Hailsham, L.C. f'R. v. Lawrence [1982] A.C. 510 at 519, H.L. (Archbold, op. cit., para. 4-368, p. 460)[13]."**

**46**. Illi huwa ndubitat illi l-Imhallef spjega ezattament il-kuncett ta' dritt li jsawwar ir-reat ta' omicidju fit-tieni forma tieghu u cioe' fejn hemm mehtieg l-intenzjoni indiretta u ghadda anke biex spjega dan il-kuncett b'ezempji semplici. Dan ifisser illi ma sehhet l-ebda rregolarita' li jitkellem dwarha l-artikolu 501(1) tal-Kodici Kriminali li kellha influwenza fuq il-verdett, u li b'tali nuqqas kien hemm amministrazzjoni hazina tal-gustizzja. Dan ma avverax ruhu f'dan il-kaz. Ghal dawn il-motivi ghalhekk anke dan l-aggravju qed jigi michud.

**47.** B'referenza mbaghad ghat-Tieni Kap ta` l-Att ta` l-Akkuza, f'dan l-istess aggravju, l-appellant jikkontendi illi huwa ma jaqbilx mal-posizzjoni legali li ha l-Imhallef meta dderiega lill-gurati biex jaccettaw bhala fatt ippruvat il-pussess semplici tad-droga li f'dan il-kaz qalilhom li kien prezunt, iktar u iktar meta huwa ma kienx mixli bir-reat tal-pussess tad-droga la semplici u lanqas aggravat. Ladarba jirrizulta dak li, fil-fehma tieghu, kien nuqqas da parti tal-Avukat Generali li jakkuzah b'dan ir-reat, huwa ma setax jinstab hati ta` traffikar tad-droga, ghaliex isostni li sabiex tirrizulta l-htija ghar-reat tat-traffikar tad-droga necessarjament irid jigi ippruvat il-pussess ta' l-istess u tinstab il-htija ghal dan ir-reat. Mankanti s-sejbien ta' htija ghar-reat tal-pussess tad-droga, fil-fehma tal-appellant, ma tistax allura tinstab htija ghar-reat ta` traffikar ta` droga.

[13] Ir-Repubblika vs Jonathan Felice – 20/10/2017 App.Sup.

**48**. Issa "***Meta l-Kodici jitkellem dwar x'ghandu jkun fih l-Att ta' Akkuza – Artikolu 589 – hu evidenti li hawn il-legislatur qed jikkontempla Att ta' Akkuza li jkun fih akkuza ta' reat wiehed biss. In fatti l-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 589 jitkellem dwar "il-fatt li jikkostitwixxi r-reat", u l-paragrafu (d) juza l-kliem "…l-imputat jigi akkuzat tar-reat kif migjub jew imfisser fil-ligi[14]".***

**49.** Illi huwa fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali illi jiddeciedi f'isem ir-Repubblika ta' Malta b'liema reati ghandu jigi addebitat l-persuna akkuzata u kwindi bil-fatt illi f'dan il-kaz l-Avukat Generali ghazel li ma jakkuzax lill-appellant bir-reat tal-pussess semplici tad-droga ma jfissirx illi bhala konsegwenza ta` dik l-ghazla kien prekluz milli jakkuza lill-appellant bir-reat ta` traffikar li huwa reat ghal kollox distint tant li fil-Kapitolu 101 huwa trattat ghalih bl-artikolu 22 jaghti definizzjoni ta' x'jinkludi l-att materjali ta' traffikar. Ghalkemm ir-reat tal-pussess aggravat tad-droga jista' iservi bhala mezz ghall-fini tat-traffikar ta' l-istess, madanakollu l-imputazzjoni dwar it-traffikar tad-droga la hija wahda alternattiva ghal dik tal-pussess u lanqas ma hija reat kompriz u involut wiehed fl-iehor. Lanqas ma jista' jinghad li hemm il-konkors formali jew ideali bejniethom it-tnejn. L-elementi ta' kull reat huma differenti minn xulxin u kwindi kienet fid-diskrezzjoni ta' l-Avukat Generali li jaghzel b'liema reat ghandu jixli lill-appellant. Ma jfissirx illi ghaliex l-Avukat Generali dehrlu li ma kellux jinkludi ir-reat tal-pussess tad-droga fl-Att ta' l-Akkuza allura b'daqshekk ma tistax tinstab htija ghar-reat tat-traffikar tad-droga.

**50**. Illi jerga' jigi ribadit illi l-appellant kellu zmien skont il-ligi biex iqanqal xi irregolarita' fl-Att ta' l-Akkuza, haga li naqas milli jaghmel. Fl-ebda hin ma jallega

---

[14] Ir-Repubblika ta' Malta vs Laurence Gatt omissis – 22/05/2003 App.Sup

illi l-akkuza tat-traffikar tad-droga ma setghetx tkun prospettata fin-nuqqas ta' akkuza marbuta mal-pussess ta' l-istess droga u dan fl-istadju bikri ta' l-guri meta l-ligi taghti il-jedd lill-persuna akkuzata illi tattakka l-Att ta' l-Akkuza kif ifformulat mill-Avukat Generali fost eccezzjonijiet ohra.[15]

**51**. Ghalhekk lanqas ghandu ragun l-appellant meta joggezzjona ghall-fatt illi l-Imhallef stqarr mal-gurati illi l-pussess semplici tad-droga fic-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz kellu jigi prezunt, ladarba ma kien hemm l-ebda akkuza addebitata lill-appellant f'dan ir-rigward. Ibda biex l-Imhallef lill-gurati meta jigi biex jispjega il-kuncett tat-traffikar jaghtihom tifsira generali ta' dak li jikkostitwixxi l-*actus reus* tar-reat fejn allura jispjegalhom fid-dettall id-definizzjoni li jaghti il-legislatur fl-artikolu 22 tal-Kapitolu 101. Huwa jaghti ghalhekk dehra shiha ta' dawk l-atti li jistghu jwasslu ghal biex persuna tinsab hatja ta' traffikar qabel ma jidhol biex jispjega fl-ispecifiku l-att materjali li jinsab fl-isfond tal-kaz taht il-lenti tal-Qorti u cioe' s-somministrazzjoni tad-droga minn persuna lil persuna ohra. F'dan il-kwadru allura l-Imhallef jispjega lill-gurati l-kuncett tal-pussess tad-droga tant ill anke jispjegalhom x'jikkostitwixxi 'l hekk imsejjah *trafficking by sharing* u l-emendi li sehhew fil-ligi marbuta ma' dan il-kuncett, li essenzjalment ma kienx jaqa' fil-parametri tal-fattispecje tal-kaz. Fuq kollox l-indirizz kellu necessarjament jiggwida lill-gurati f'dawn il-punti ta' dritt u cioe' dak tal-pussess tad-droga, traffikar u sahansitra l-kuncett ta` *trafficking by sharing* ghaliex kienet id-difiza stess illi fl-arringa finali tidhol biex tispjega dawn il-kuncetti legali lill-gurati. L-Imhallef kwindi rinfaccjat b'din is-sitwazzjoni kellu necessarjament jispjega huwa stess id-distinzjoni bejn dawn iz-zewg reati ghalkemm l-appellant ma kienx qed jigi mixli bir-reat tal-pussess tad-droga erojina. Fi kwalunkwe kaz din il-Qorti hija tal-fehma illi l-appellant ma sofra l-

[15] Artikolu 449 Kodici Kriminali

ebda pregudizzju anke jekk l-indirizz kien jinkludi tifsira ta` l-elementi kostituttivi tar-reat tal-pussess tad-droga meta ma kienx hemm akkuza f'dan is-sens.

**52**. Illi gie diversi drabi ribadit minn din il-Qorti illi l-indirizz ghandu jigi ezaminat fit-totalita' tieghu u mhux b'mod spezzettat billi jinstiltu minn min jappella dawk il-brani b'mod izolat sabiex l-appellant ikun jista' jiggranfa maghhom sabiex jipprova johloq xi irregolarita' fejn din ma tezistiex. It-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza jittratta r-reat tat-traffikar tad-droga. L-Imhallef li ppresjeda l-guri spjega b'mod dettaljat l-elementi li jikkostitwixxu dan ir-reat, fisser fid-dettall id-definizzjoni li taghti l-ligi fil-Kapitolu 101 ta' dawk l-atti materjali li jwasslu ghall-kommissjoni ta' dan ir-reat, fejn jaghti harsa generali lejn ir-reati li jitkellem dwarhom il-Kapitolu 101 b'mod li l-gurati setghu jifhmu u jqisu ahjar il-fattispecje tal-kaz meta abbinati mal-akkuzi addebitati lill-appellant. Ezaminat l-indirizz fit-totalita` tieghu allura ma jistax jinghad illi sehhet xi "*misdirection*" tant illi din seta` kellha effett fuq l-ezitu finali u kwindi ma tirrizulta l-ebda amministrazzjoni hazina tal-gustizzja li tista' xxejjen il-verdett. Ghal dawn il-motivi dan l-aggravju qed jigi michud.

**C. <u>Apprezzament tal-provi</u>**

**53**. Ezaminati dawn l-aggravji l-appellant finalment jargumenta illi ma kienx hemm provi sufficjenti lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni fejn tirrizulta ir-reita' ghaz-zewg reati lilu addebitati fl-Att tal-Akkuza. Dan sehh, fil-fehma tieghu, ghal diversi motivi u cioe':

i. meta il-gurati qaghdu fuq ix-xiehda ta’ Paul Micallef li kienet wahda inverosimili. Dan Micallef jistqarr illi hu flimkien mal-appellant u Therese Agius, il-vittma, iltaqghu gewwa appartament fil-Gzira bl-intenzjoni li jabbuzaw mid-droga. Skont dan Micallef, Therese Agius kienet hadet xi pilloli bl-isem Dalmain, uzati sabiex d-droga li tittiehed ikollha l-effett mixtieq. Konxju minn dan il-fatt, l-appellant xorta wahda jinjetta lil Agius bid-droga li jghid kienet skura u ndikattiva allura li kellha purita` gholja, b’dan ghalhekk illi mat-tehid tal-istess, Agius waqghet fl-art u mietet ftit wara. Fl-ewwel lok, l-appellant jishaq illi bil-fatt illi x-xiehda ta’ dan Micallef inqrat lill-gurati ipprekludiethom milli josservaw il-komportament tieghu fuq il-pedana kif sehh bix-xhieda l-ohra li iddeponew. Jikkontendi illi Micallef wehhel fih sabiex jigi ezonerat mill-involviment tieghu f’dan il-qtil. Din kienet l-attitudni ukoll tax-xhieda l-ohra li kollha ippuntaw lejn l-appellant sabiex jiskolpaw ruhhom mir-responsabbilta’ ghall-mewt ta’ Agius.

ii. Ma kienx hemm provi xjentifici/forensici biex jikkorraboraw il-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Paul Micallef. Fl-ewwel lok ma hemm l-ebda prova forensika illi l-kawza unika ghall-mewt ta’ Agius kienet *overdose* ta’ droga. Ghalkemm l-espert Michael Scott-ham jikkonkludi illi kien evidenti minn ezamijiet tal-fwiet tal-kadavru illi fil-hin li ppreceda l-mewt kien hemm il-konsum tad-droga, madanakollu dan ma setax jikkonkludi b’mod definittiv illi din kienet il-kawza tal-mewt ladarba ma kienx

possibbli li jigi kwantifikat l-ammont tad-droga li kienet ingerita mill-vittma. L-istess ighidu il-patologi Profs. Marie Therese Camilleri u Dr. Bridget Ellul meta fir-rapport taghhom jikkonkludu illi l-kawza tal-mewt ma setghetx tigi determinata fl-awtopsja billi l-kadavru kien fi stat avvanzat ta' dekomposizzjoni, ghalkemm ma setax jigi eskluz illi l-mewt kienet marbuta mal-abbuz ta' droga. Dan fisser, fil-fehma tal-appellant, illi ma kienx hemm prova lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni illi l-mewt ta' Agius sehh minhabba d-droga li giet lilha injettata. Lanqas in-natura ta' droga ma setghet tigi stabbilita bl-esperti jikkonkludu illi din setghet kienet jew morfina pura jew erojina. Di piu' lanqas saru ezamijiet forensici tal-post fejn Agius allegatament mietet. Il-fond qatt ma gie forensikament ezaminat. Anke dak mistqarr minn Paul Micallef illi d-droga kienet skura ma jfissirx necessarjament illi din kellha purita` gholja, izda seta` ifisser ukoll illi kienet giet imhallta ma` sustanzi ohra.

iii. Ix-xhieda pajzana imressqa mill-Prosekuzzjoni ma kenux kredibbli.

**54.** Illi f'dan l-aggravju l-appellant qieghed jitlob minn din il-Qorti li taghmel apprezzament mill-gdid ta' dawk l-provi li tressqu quddiem il-gurati u li abbazi taghhom waslu ghal verdett ta' htija. Issa, din il-Qorti fil-funzjoni taghha bhala qorti ta' revizjoni ezaminat dettaljatament l-atti processwali, id-dokumenti

esibiti u l-indirizz ta' l-Imhallef li ppresjeda l-guri, u dan biex tara jekk a bazi tal-provi, il-gurati, ben indirizzati mill-Imhallef, setghux legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li fil-fatt waslu ghaliha dwar il-htija ta' l-appellant skond il-verdett minnhom moghti. Dan hu l-ezercizzju li jrid isir minn din il-Qorti ghaliex:

**"Anke jekk mill-apprezzament tal-provi li taghmel din il-Qorti hi tasal ghal xi konkluzjoni diversa minn dik milhuqa mill-gurati, hi ma tiddisturbax dik id-diskrezzjoni ezercitata mill-gurati fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li l-gurati ma kinux ghamlu apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghu, ghalhekk, legittimament u ragjonevolment jaslu ghall-konkluzjoni li jkunu waslu ghaliha in bazi tal-provi li kellhom quddiemhom. Effettivament, kif dejjem inghad, din il-Qorti ma tinvadix it-territorju li l-ligi tirrizerva ghall-gurati hlief meta l-verdett minnhom milhuq ikun manifestament zbaljat fis-sens li ebda gurija ma setghet legittimament u ragjonevolment tasal ghalih. Jigifieri jrid ikun in kontradizzjoni manifesta ghal dak kollu li jirrizulta mill-process b'mod illi ma hemmx mod iehor hlief li l-verdett milhuq jigi eskluz bhala infondat.**

**F'Blackstone's Criminal Practice 2004 naqraw ukoll:**

**"The case of Cooper [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G): '[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case. 'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think**

**that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it'[16]."**

**55**. Illi huwa ndubitat illi x-xiehda ewlenija li kienet determinanti f'dan il-kaz kienet dik moghtija minn Paul Micallef li jista' jinghad kien l-uniku xhud okulari tal-event kriminuz. Micallef ma xehedx *viva voce* quddiem il-gurati billi, kif diga' nghad, kien lahaq miet qabel beda l-guri. Madanakollu l-gurati kellhom ghad-disposizzjoni taghhom tlett verzjonijiet moghtija minn dan Micallef u cioe' dik moghtija lill-pulizija, *a tempo vergine* meta bdew l-investigazzjonijiet ta' dan l-omicidju, liema stqarrija kienet imbaghad guramentata quddiem l-Inkwirenti, u finalment ix-xiehda *viva voce* fl-Istruttorja meta allura huwa anke gie kontro-ezaminat mid-difensur ta' l-appellant.

**56**. Illi il-Qorti ezaminat din ix-xiehda u ssib illi ghalkemm jista' jkun li kien hemm xi bdil li ghamel ix-xhud f'xi dettallji zghar, madanakollu is-sustanza ta` dak li xehed baqghet l-istess b'mod specjali meta jiddeskrivi l-mument meta d-droga giet injettata mill-appellant lil Agius, bix-xhud jibqa' jinsisti illi kien l-appellant li fil-presenza tieghu njetta d-droga erojina lill-vittma meta dan kien konsapevoli tal-fatt illi Agius kienet ghada kemm iddigeriet xi pilloli "Dalmain" li setghu ipoggulha hajjitha fil-periklu. Jidher illi l-appellant dan il-fatt kien jafu

[16]Ir-Repubblika ta' Malta vs John Camilleri – 24/04/2008

ghaliex dak iz-zmien Agius kienet tafda unikament fih biex jinjettalha d-droga billi hi ma kenitx kapaci tissomministraha lilha innifisha. Mhux biss izda meta Agius waqghet fl-art minnufih kif giet injettata bl-erojina, u Micallef gibed l-attenzjoni ta' l-appellant ghal dan il-fatt, l-appellant qajla wera interess biex ighinha ghaliex stqarr illi diga' kien hemm xi okkazjoni precedenti fejn huwa ssomministra d-droga lil Agius u din sofriet minn *overdose* u ftit wara giet f'sensieha.

**57**. L-appellant ghazel li ma jixhedx matul dan il-process penali, kif *del resto* kellu kull dritt li jaghmel u allura ghazel li jiddefendi ruhu, billi jaghmel kontro-ezami lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni u bis-sottomissjonijiet ta' dritt li saru mill-abbli difensur tieghu.

**58**. Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li s-sejbien ta' htija f'dan il-kaz hija ta' omicidju volontarju *per via di* ommissjoni taht it-tieni forma kontemplata fl-artikolu 211 tal-Kapitolu 9, cioe` fejn l-intenzjoni hi dik li tqieghed il-hajja ta' persuna f'perikolu car, dik l-intenzjoni li nirreferu ghaliha bhala 'intenzjoni pozittiva indiretta'. Dak li jikkontendi l-appellant fl-istqarrijiet minnu rilaxxjati lill-pulizija *a tempo vergine* huwa illi ma kienx il-persuna li ssomministra d-droga lill-vittma billi lanqas kien fil-presenza taghha meta sehh dan, izda kien rieqed fil-karozza, u jishaq illi shabu b'mod ewlieni Paul Micallef kienu qeghdin jippruvaw jitfghu il-htija fuqu biex huma jigu skagjonati. Illi anke jekk *gratia argomenti* jigi accettat li kien hu li ssomministra d-droga lill-vittma dan kien incident sfortunat billi huwa qatt ma kellu l-intenzjoni li jqieghed il-hajja ta' Agius f'perikolu car.

**59**. Dwar l-intenzjoni pozittiva indiretta, il-Professur Sir Anthony Mamo jghid hekk :

**"The knowledge that the act is likely to kill, or the recklessness whether death, clearly foreseen as probable, shall ensue or not, is properly treated by the law on the same footing as the positive intention to kill."**

**U bhalma jispjega Gerald Gordon fil-ktieb tieghu The Criminal Law of Scotland fil-kuntest tal-kuncett ta' "recklessness" (li fil-ligi Skocciza "is advertent and involves foresight of the risk" u li ghalhekk hu tista' tghid identiku ghall-kuncett taghna ta' intenzjoni pozittiva indiretta:**

**"When the reasonable man is used as a test of subjective recklessness the position is that if the reasonable man would have foreseen the risk, it will be accepted as a fact that the accused foresaw it, unless there is strong evidence to the contrary. But if the accused can show that in fact he did not foresee the risk, then it is illogical to characterise him as reckless on the ground that a reasonable man would have foreseen it.**

**As Hall says, 'In the determination of these questions, the introduction of the "reasonable man" is not a substitute for the defendant's awareness that his conduct increased the risk of harm any more than it is a substitute for the determination of intention, where that is material. It is a method used to determine those operative facts in the minds of normal persons'.**

**"Since evidence of the accused's state of mind must normally consist of objective facts from which the jury will draw an inference as to his state of mind, the more careless the accused's behaviour the more likely it is that he will be regarded as reckless, since the more likely it will be that he foresaw the risk involved. A man who kills another by punching him on the jaw may be believed when he says that he did not foresee the risk of death; but a man who kills another by striking him on the skull with a hatchet will be hard put to it to persuade a jury that he did not realise that what he was doing might be fatal.**

**In Robertson and Donoghue Lord Justice-Clerk Cooper directed the jury that "In judging whether…reckless indifference is present, you would take into account the nature of the violence used, the condition of the victim when it was used, and the circumstances under which the assault**

**was committed". All these are objective factors affecting the degree of the carelessness of what the accused did, viewed as something likely to cause death.[17] "**

**60**. Sabiex jaslu ghall-konkluzjoni li hawn si trattava ta' omicidju volontarju, il-gurati kellhom ikunu konvinti moralment li (1) jew l-appellant ra il-mewt bhala konsegwenza ta' ghemilu u ried dik il-mewt ta' Agius, jew (2) li huwa ra il-mewt bhala konsegwenza probabbli ta' ghemilu u ghalkemm ma riedx il-mewt huwa xorta wahda m`ghamilx dawk l-atti li kien jaf li probabilment kienu jiskansaw lil Agius mill-mewt. Kif diga` nghad, il-kwistjoni hawn kienet jekk l-appellant kellux l-intenzjoni pozittiva indiretta mehtiega skond it-tieni forma ta' omicidju volontarju.

**61**. Mill-ezami tal-atti processwali jirrizulta illi l-appellant naqas darbtejn f'eghmilu fil-konfront ta' Theresa Agius. Fl-ewwel lok, huwa injetta lil Agius b'doza droga erojina meta kien jaf li hija kienet ghadha kemm hadet il-pilloli u kienet tidher "imdamdma"[18]. Fit-tieni lok, l-appellant kien jaf ukoll illi Agius gieli batiet "overdose" tant illi kienu jaghtuha l-melh biex tigi f'sensieha. Mhux biss izda mix-xiehda ta' Micallef jidher illi ghalkemm dan ta 'l-ahhar gibidlu l-attenzjoni illi Agius kienet intilfet minn sensieha hekk kif hadet l-injezzjoni, l-appellant qajla wera interess biex ighinha tant illi ftit minuti wara hija kienet tidher li waqfet tiehu in-nifs. Minflok fittex l-assistenza medika, huwa baqa' inattiv biex b'hekk Agius tilfet hajjitha.

---

[17] Ir-Repubblika ta' Malta vs Jason Decelis u Concetta Decelis – App. Sup. 25/09/2008

[18] Ara xiehda ta' Paul Micallef

**62**. Issa kif inghad l-appellant fl-istqarrijiet tieghu jichad kull responsabbilta` ghall-akkadut billi jishaq illi ghalkemm kien fil-kumpannija ta' Agius dik il-lejla, din telqitu l-Gzira biex tmur taghmel prostituzzjoni f'appartament mikri lilha minghand Charles Debono maghruf bhala l-Maradona jew it-Tobby. Kien miftiehem maghha li kellhom jiltaqghu hdejn il-karozza ghal habta tas-siegha ta' fil-ghodu, izda jghid li peress li kien ha hafna pilloli huwa raqad u stenbah ghal habta tat-tlieta u nofs ta' fil-ghodu. Meta nduna illi Agius ma kenitx ghadha giet lura, dar dawra mal-Gzira sabiex jara jsibhiex izda meta din it-tfitxija irrizultat fin-negattiv huwa saq lejn id-dar tieghu. Fil-kors tal-guri, imbaghad, ghalkemm kif inghad huwa ma xehedx, ipprova jattakka l-kredibbilita tax-xhieda kollha b'mod ewlieni allura dik ta' Paul Micallef.

**63.** Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-appellant ma jirnexxielux bis-sottomissjonijiet minnu maghmula tramite id-difensur tieghu u l-kontro-ezamijiet li jaghmel lix-xhieda tal-Prosekuzzjoni ixejjen il-verzjoni moghtija minn Paul Micallef dwar dak li sehh fil-lejl ta' bejn l-1 u it-02 ta' Ottubru 1999.

**64**. Mhux biss izda dak mistqarr mill-appellant huwa kontradett mhux biss minn Pawlu Micallef, izda ukoll huwa kontradett minn xhieda ohra li jikkorraboraw din il-verzjoni kif ukoll mill-provi forensici. Dan ghaliex:

1. Kemm Rodney Vella kif ukoll Joseph Sammut u Vincent Attard jikkonfermaw illi l-akkuzat kien stqarr maghhom illi Agius kienet mietet b'*overdose* u dan xi jiem wara li Agius kienet giet irrapportata nieqsa. Vella b'mod specjali jixhed illi l-appellant kien spjega ezattament dak li kien gara

meta huwa njetta l-erojina lil Agius, ghalkemm dan ix-xhud jistqarr illi l-appellant ma kienx semma mieghu illi kien prezenti ukoll Paul Micallef.

2. Xhieda ohra jikkonfermaw illi fil-granet qabel mietet Therese Agius hija kienet tiffrekwenta lill-akkuzat. Diversi xhieda jsostnu illi Agius kienet ghamlet zmien tiffrekwenta lil certu Silvio Buttigieg tant illi anke kellha *tattoo* b'ismu fuq dirghajha. Izda fiz-zmien tal-ghejbien taghha dan Buttigieg kien qed jiskonta piena karcerarja fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin u li allura bdiet tkun fil-kumpanija regolari ta' l-appellant. Josette Bickle issostni illi Agius kienet tkun kuljum fil-kumpanija ta' l-appellant. Il-familjari ta' Agius stess fosthom ommha Mary, missierha Carmel u ohtha kollha jikkonfermaw illi Azzopardi u cioe' l-appellant kien kwazi kwazi jippersegwita lil binthom, tant illi l-missier jixhed illi ma kienx qed jiehu gost jaraha fil-kumpanija tieghu u anke ghamel diversi rapporti l-Ghassa ta' Rahal il-Gdid dwar dan il-fatt. Laura Mizzi tikkonferma ukoll illi fiz-zmien precedenti l-mewt taghha, Agius kienet tkun fil-kumpanija tal-appellant.
3. Diversi xhieda jikkonfermaw dak li jistqarr Paul Micallef illi Agius ma kenitx taf tissomministra d-droga lilha innfisha u kien l-appellant illi fl-ahhar jiem ta' hajjitha kien jinjettalha d-droga erojina. Fil-fatt Agius stess kien stqarret dan ma' diversi nies u cioe' illi kien l-appellant li kien qed ighinha tiehu l-erojina.
4. Nathal Bonello, li kien is-sieheb ta' Paul Micallef, jikkonferma mhux biss illi l-imgieba ta' Micallef fil-lejla meta sehhet il-mewt ta' Therese Agius kienet tidher kemmxejn erratika u kien jidher inkwetat, izda jikkonferma

illi meta staqsieh x'kien gralu hu qerr mieghu u irrakkontalu dak li kien sehh li essenzjalment hi l-verzjoni li jaghti Micallef dwar il-mewt ta' Agius. Jikkonferma ukoll illi l-istess Agius ikkonfermat mieghu li l-appellant kien jinjettaha bid-droga.

**65**. Korroborazzjoni tax-xiehda ta' Micallef u tax-xhieda l-ohra li iddeponew, fuq kollox tohrog mill-provi forensici li hija l-ahhar holqa f'dina l-katina li wasslet ghad-decess ta' Agius. Illi ghalkemm huwa minnu kif jistqarr l-appellant illi l-esperti patologi ma setghux jaslu ghall-kawza tal-mewt minhabba l-fatt illi l-kadavru nstab fi stat avvanzat ta' dekomposizzjoni, madanakollu minn ezamijiet forensici ohra li saru, ghalkemm kif inghad kien hemm dekomposizzjoni avvanzata oltre ghal fatt illi l-kadavru kien gie mikul mill-hlejjaq tal-bahar, seta' jigi konstata minn "*detailed dissection tal-vini superficjali tal-estremitajiet superjuri*" illi "*kien hemm evidenza ta' puntura friska fuq wahda mill-vini superficjali fuq id-dorsum tal-pala tal-id ix-xellugija*.[19]" Abbinat ma' dan, ir-rapport tal-espert tossikologu Michael Scott-ham jindika illi mill-ezamijiet li ghamel kien hemm l-presenza gholja ta' morfina/*morphine glucoronide* fil-kampjun tal-fwied tal-kadavru, "*liema morfina hija rizultat tal-breakdown tal-erojina fil-gisem u din il-morfina tifforma morphine glucoronide in kombinazzjoni ma' sustanza fil-gisem*[20]". Fil-fatt l-espert Michael Scott-ham ighid hekk fir-rapport tieghu:

[19] Ara rapport Dr. Mario Scerri a fol. 109

[20] Ara rapport Dr. Mario Scerri a fol.110

*"The overall results show that Therese Agius had used or been administered morphine and/or heroine at some time prior to her death but it is not possible from the analysis alone to say exactly when."*

**66**. Ghalhekk l-istess sustanza illi Micallef jikkontendi li giet somministrata mill-akkuzat lill-Agius ftit minuti qabel mietet. Gie eskluz ukoll mill-ezamijiet forensici illi l-vittma setghet giet mitfugha il-bahar meta kienet ghadha hajja u dan mir-rapport tal-Professur espert fil-*marine biology* Dr. Victor Axiaq. Dan ghaliex, fil-fehma tal-espert, ma kienx hemm il-presenza ta' diatomi[21] fil-kampjuni tal-mudullun jew tal-kliwi tal-kadavru li allura kien ikun indikattiv illi l-vittma kienet ingeriet l-ilma fis-sistema taghha qabel il-mewt. Mhux biss, izda ghalkemm il-kadavru gie marbut sewwa b'habel qabel ma ntefa' l-bahar, fil-fehma tal-espert mediko-legali Dr. Mario Scerri, il-presenza ta' *hypostasis*[22] fuq l-aspett posterjuri tal-kadavru kien indikattiv illi din kienet mejta, fl-ewwel lok ftit sighat qabel ma ntrabtet ghaliex altrimenti dan l-ezercizzju kien jkun impossibli billi saghtejn wara l-mewt jidhol fis-sehh 'l hekk imsejjah *rigor mortis* fil-kadavru, u ukoll illi l-kadavru ghamel xi zmien mimdud fuq dahru qabel intefa' l-bahar biex b'hekk irrizultat l-*hypostasis* imsemmija.

---

[21] "diatomi huma hlejjaq u pjanti mikroskopici li insibuhom f'wicc l-ibhra u ilmijiet ohra. .....L-uzu ta' dawn id-diatomi bhala evidenza ghal mewta b'gharqa hi bbazata fuq l-ipotesi li jekk vittma tkun ghadha hajja waqt li tkun fil-bahar, allura din tibla hafna ilma kemm fl-istonku u anke fil-pulmun. Jekk isibu rwiehom fil-pulmun, dawn id-diatomi jkunu jistghu jinfdu ghal gewwa il-gisem sakemm jaslu ghas-sistema ta' cirkulazzjoni tad-demm. Minn hawn id-demm ixerred dawn id-diatomi f'kull organu tal-gisem inkluz il-mudullum, il-kliwi u organi ohra." – rapport Dr. Victor Axiaq a fol.116

[22]The red-purple colouring of the skin surface which appears on dependent body parts after circulation has ceased and gravity pulls the now-stagnant blood to the lowest points of the body. The dark red-purple background may be punctuated with whitish areas, corresponding to areas on which the body was resting at the tim of death, which compress the blood vessels and prevent hypostasis in those areas. Postmortem hypostasis is due to the formation of oxyhaemoglobin at the expense of reduced haemoglobin - https://medical-dictionary

**67**. Illi allura dawn il-provi indizzjarji meta marbuta max-xiehda ta' Paul Micallef iwasslu ghal konkluzjoni wahda u cioe' illi l-vittma mietet konsegwenza ta' *overdose* ta' droga li giet injettata lilha mill-appellant meta dan kien ben konxju tal-fatt illi l-vittma kienet qed tipperikola hajjitha konsegwenza ta' dan l-abbuz. Mhux biss izda, kif inghad, meta il-vittma waqghet fl-art mitlufa minn sensieha huwa naqas li minnufih jaghtiha l-assistenza mehtiega ghalkemm induna illi din kienet sofriet minn *overdose*.

**68**. Dan ifisser illi l-appellant ma rnexxielux sal-grad tal-probabbli jikkonvinci lil din il-Qorti, kif lanqas ikkonvinca lill-gurati illi huwa ma kienx responsabbli ghal-mewt ta' Therese Agius. Din il-Qorti tqis allura illi l-gurati sewwa iggwidati mill-Imhallef li ppresjeda il-guri meta prezentati bil-fatti tal-kaz u l-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni fid-dawl tas-sottomissjonijiet maghmula miz-zewg nahat, setghu legalment u ragjonevolment jaslu ghal verdett ta' htija fil-konfront ta' l-appellant, tant illi ma hemm l-ebda motiv li jista' iwassal lil din il- Qorti illi taqleb il-verdett milhuq. Ghaldaqstant anke dan l-agravvju marbut mal-apprezzament tal-provi qed jigi michud.

**D. <u>Il-Piena</u>**

**69**. Fl-ahhar aggravju tieghu, l-appellant jilmenta illi l-piena nflitta ta' disgha u ghoxrin sena prigunerija kienet wahda eccessiva, tenut kont illi l-verdett ma kienx wiehed unanimu u wkoll illi l-piena f'kazijiet simili kienet ferm iktar miti.

**70**. Issa l-Ewwel Qorti ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet meta giet ghall-kalibrazzjoni tal-piena biex b'hekk qieset ic-cirkostanzi mitiganti kif ukoll dawk li irrendew il-piena aktar gravi meta gie deciz:

> **"L-ewwelnett li ħareg b'mod car matul il-process l-ambjent li fih kien qed jgħix l-akkużat.**
>
> **It-tieni, il-Qorti fliet sew dak li qal fir-raba' stqarrija tiegħu l-akkużat iżda mhix f'pożizzjoni li tapplika l-artikolu 29 tal-Kap 101.**
>
> **It-tielet, li huwa tassew li l-akkużat ma kellux għalfejn jirrispondi għall-addebitu tar-recidiva.**
>
> **Ir-raba', li tassew li l-ammont ta' eroina kien żgħir iżda meta kien ittraffikat spicca fil-mewt ta' persuna.**
>
> **Il-ħames, illi l-abbli difensur huwa korrett dwar iż-żmien li ħadu l-proceduri u l-Qorti ser tqis dan il-fattur fil-kumputazzjoni tal-piena.**
>
> **Min-naħa l-oħra, il-Qorti qed ukoll tqis il-vot għoli ta' 8 – 1 tal-gurija u tas-serjeta' tal-każ u tal-Kapi li tagħhom instab ħati l-akkużat.**
>
> **Fil-fehma ta' din il-Qorti għandu jkun applikat l-artikolu 17(h) tal-Kap 9 li jiddisponi hekk:**
>
> ***'(h) meta żewg reati jew iżjed, li flimkien ma jagħmlux delitt ikkwalifikat, iservu bħala mezz biex isir reat ieħor, sew ikkwalifikat jew semplici, għandha tingħata l-piena għar-reat l-aktar gravi.'"***

**71**. Illi fid-dawl ta' dawn il-konsiderazzjonijiet huwa bil-wisq evidenti illi z-zewg motivi li ressaq l-appellant f'dan l-aggravju ma humiex b'sahhithom bizzejjed sabiex jikkonvincu ll din il-Qorti tvarja l-piena inflitta. Ibda biex ghalkemm huwa minnu illi l-verdett ma kienx wiehed unanimu, izda kif tajjeb ikkonkludiet l-Ewwel Qorti kien verdett b'sahhtu li kien jindika car u tond fid-decizjoni tal-gurati illi jsibu l-htija fl-appellant ghar-reati lilu addebitati lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni.

**72**. Illi ukoll ghalkemm l-appellant jindika f'dan l-aggravju illi kien hemm decizjonijiet simili ghal din odjerna fejn il-piena kienet iktar miti, huwa ma jindikax sentenza wahda biex jissostanzja dak allegat minnu. Certament ma huwiex il-kompitu ta' din il-Qorti illi toqghod tfittex u tindaga l-kazistika kollha sabiex tqis jekk tezistix xi disparita' fil-pieni inflitti iktar u iktar meta l-kazijiet ma jkunux konnessi bl-ebda mod.

> **…… bhalma ntqal f' R. vs Large [3 Cr. App. R. (S) 80, C.A.] dwar il-kwistjoni ta' disparita' f'sentenzi (Archbold Criminal Pleading, Evidence and Practice, 2001) (para. 5-174, p.571) :**
>
> **"The Court will not make comparisons with sentences passed in the Crown Courts in cases unconnected with that of the appellant."**
>
> **Difatti :**
>
> **"The present position seems to be that the court will entertain submissions based on disparity of sentence between offenders <u>involved in the same case</u> irrespective of whether they were sentenced on the same occasion or by the same judge, so long as the test stated in Fawcett is satisfied." (sottolinear ta' din ilQorti)**
>
> **It-test f'Fawcett hu f'dan is-sens :**
>
> **"Would right-thinking members of the public, with full knowledge of the relevant facts and circumstances, learning of this sentence consider that something had gone wrong with the administration of justice? (per Lawton L.J. in R vs Fawcett , 5 Cr. App. R. (S) 158 C.A.)[23]"**

**73**. Ta' spiss kien rilevat minn din il-Qorti, kemm fil-gurisdizzjoni taghha superjuri kif ukoll dik inferjuri, li meta jsir appell dwar il-piena hija bhala regola ma tirrimpjazzax il-piena moghtija mill-Ewwel Qorti b'dik li kieku hija – cioe` din il-Qorti – kienet taghti fic-cirkostanzi rizultanti kemm-il darba ma jkunx jirrizulta

[23] Ir-Repubblika ta' Malta vs Gamil Abu Bakr – App. Sup. 12/11/2009

li l-piena moghtija mill-Ewwel Qorti kienet b'xi mod "*wrong in principle*" jew "*manifestly excessive*".

Bhalma inghad fil-Blackstone's Criminal Practice 2004:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in Nuttall (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, though they may appear heavy to individual judges' (emphasis added). Similarly, in Gumbs (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: '…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle." Both Channell J in Nuttall and Lord Hewart CJ in Gumbs use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed.[24]"**

[24]Page 1695, para. D23.45

**74**. Ma hemmx dubju illi l-piena erogata kienet taqa' fil-parametri tal-ligi, bir-reat tal-omicidju volontarju jgorr mieghu l-piena tal-ghomor prigunerija.

> **"Il-fatt li hawn si tratta ta' omicidju permezz ta' att ta' ommissjoni kif ukoll il-fatt li l-intenzjoni kienet wahda pozittiva indiretta (u mhux pozittiva diretta) ma jnaqqas xejn mill-gravita` ta' dak li sehh – fatt li kien pjenament a konoxxenza ta' l-ewwel Qorti meta erogat il-piena[25]."**

**75**. Illi din il-Qorti ma tistax tinjora l-fatt illi l-appellant mhux biss naqas milli jaghti l-assistenza minnufih lill-vittma hekk kif induna li d-doza ta' droga lilha somministrata setghet tkun fatali, izda ghazel li jinjettalha l-erojina meta kien konsapevoli tal-fatt illi Agius kienet ingerit xi pilloli li setghu jikkargawlha d-doza tal-erojina li kienet se tiehu, u ukoll illi diga` kien hemm okkazjonijiet precedenti fejn il-vittma ma kenitx felhet ghall-abbuz tas-sustanza li kienet qed tigi lilha injettata mill-appellant. Dan l-agir da parti tieghu wassal allura ghal mewt pre-matura ta' din it-tfajla li kienet qed tipprova teghleb il-vizzji li kienu qed jahkmulha hajjitha. F'dawn ic-cirkostanzi u fuq kollox fid-dawl tal-verdett milhuq u tal-konsiderazzjonijiet maghmula mill-Ewwel Qorti, din il-Qorti ma tqiesx illi l-piena inflitta b'xi mod kienet eccessiva jew li ma kenitx taghmel gustizzja mal-appellant. Ghaldaqstant anke dan l-aggravju qed jigi michud.

[25] Ir-Repubblika ta' Malta vs Concetta Decelis u Jason Louis Paul Decelis – App. Sup 25/09/2008

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, il-qorti qeghda taqta` u tiddeciedi billi tichad l-appell ta' Joseph Azzopardi, tikkonferma l-verdett kif ukoll is-sentenza appellata fl-intier taghha.**